

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. De Meester u G. Wils, aġenti)

Suġġett

Talba abbażi tal-Artikoli 279 TFUE u 156 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u intiża biex il-Kummissjoni tiġi ordnata tittrasferixxi 1 154 794 kwota ta' emissjoni fuq il-kont tal-installazzjoni tar-rikorrenti sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Diċembru 2020 – ExxonMobil Production Deutschland vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-731/20 R)

(“*Proċeduri għal miżuri provviżorji – Direttiva 2003/87/KE – Deċiżjoni 2011/278/UE – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' urġenza*”)

(2021/C 62/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: ExxonMobil Production Deutschland GmbH (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Altenschmidt u J. Ħoss, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. De Meester u G. Wils, aġenti)

Suġġett

Talba abbażi tal-Artikoli 279 TFUE u 156 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u intiża biex il-Kummissjoni tiġi ordnata tittrasferixxi 7 428 258 kwota ta' emissjoni fuq il-kont tal-installazzjoni tar-rikorrenti sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2020 – Unite the Union vs EUIPO – WWRD Ireland (WATERFORD)

(Kawża T-739/20)

(2021/C 62/47)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Unite the Union (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: B. O'Connor, Solicitor u M. Hommé, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: WWRD Ireland IPCO LLC (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "WATERFORD" – Trade mark tal-Unjoni Nru 397 521

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 2683/2019-2

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tibdel id-deċiżjoni kkontestata b'mod li tipprovdi li t-trade mark WATERFORD għandha tiġi rrevokata fit-termini stabbiliti mill-Artikolu 58 tar-Regolament dwar it-trade marks;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2020 – Cristescu vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-754/20)

(2021/C 62/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Adrian Sorin Cristescu (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: M.-A. Lucas u P. Pichault, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali [kunfidenzjali] (!) tas-27 ta' Frar 2020 li timponi fuq ir-rikorreni s-sanzjoni ta' ċanfira;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argomenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent tinvoka disa' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni tat-12 ta' Ġunju 2019 dwar it-tweqqif ta' investigazzjonijiet amministrattivi u tal-proċeduri dixxiplinari (iktar 'il quddiem id-"DGE") sa fejn l-Uffiċċju ta' Investigazzjoni u ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC) ma eżaminax qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni l-informazzjoni li tindika nuqqas ta' tweqqif ta' obbligu potenzjali u d-dokumenti ta' sostenn tagħha, u lanqas ma ħejja għall-Awtorità tal-Ħatra nota dwar dan is-suġġett.